IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

SETTEMBRU 1946

# *L-Ewwel Prezentazzjoni tal-"Premju Ġużè Muscat-Azzopardi"*

*L-ERBGHA ta' Awissu, nhar l-ewwel preżentazzjoni tal-"Premju Ġużè Muscat-Azzopardi" kien jum li ma jintesa qatt mill-Membri tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Dak il-jum jibqa' bħala tifkira tal-ħeġġa, tal-qawwa u tas-setgħa li għandha l-Għaqda tagħna, kif ukoll tal-qima u tal-ġieħ li tgawdi fost il-kbarat ta' Malta.*

*Il-"Premju Muscat-Azzopardi" għalkemm ma twaqqafx mill-"Għaqda" jista' jingħadd bħala frott tal-ħidma tagħha mhux biss għaliex il-fundatur tiegħu, is-Sur Ġino Muscat-Azzopardi, hu wieħed mill-Membri l-aktar ħabrieka tal-"Għaqda" iżda wkoll għax il-premju twaqqaf biex ifakkar l-ewwel President tal-Għaqda u ngħata l-ewwel darba lit-tieni President tal-Għaqda. Għalhekk kien jixraq ħafna li l-Għaqda tieħu ħsieb thejji ċerimonja solenni kif jistħoqq lill-ewwel u l-aqwa premju kulturali ta' pajjiżna.*

*Iċ-ċerimonja saret fl-Università, li hija l-aqwa ċentru kulturali ta' Malta, u ħadu sehem l-ogħla rjus u kapijiet tal-pajjiż. L-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur laqa' bil-qalb kollha t-talba li saritlu biex jippreżenta l-medalja tad-deheb lil Mons. Psaila, u għamel erba' kelmiet li jaqblu wisq ma' l-okkażjoni.*

*Barra l-Gvernatur kien hemm ukoll il-Loqutenent-Gvernatur, l-Isqof Galea, is-Sur Ġino Muscat-Azzopardi u s-sinjura, is-Sur Ugo Muscat-Azzopardi u s-sinjura, is-Sur Ivo Muscat-Azzopardi u s-sinjura, is-Sur Victor Apap, Dr. E. Agius, is-Sur M. Agius, tal-"Għaqda tal-Malti tad-Dockyard", il-Professur Ġ. Aquilina u s-sinjura, is-Sur Ġ. Azzopardi, l-Onor. it-Tabib P. Boffa, Leader tal-Partit tax-Xogħol, is-Sur A. M. Borg, il-Patri V. Barbara, l-Onor. R. Bencini, is-Sur N. Biancardi u s-sinjura, it-Tabib R. Briffa, il-Maġġur Bonello, A.D.C. tal-Gvernatur, is-Sinjurina H. Buhagiar, Segretarja tal-"Women of Malta Association", is-Sur Ġ. Camilleri, tax-"Xirka għat-Tixrid tal-Lsien Malti", is-Sur Castillo, Public Relations Officer, il-Maġistrat Caruana Colombo, is-Sur Nin Cremona, Viċi-President tal-Għaqda, l-*

*Onor E. Cuschieri, Teżorier, il-Professur Ġ. Curmi, il-Professur P. P. Debono, ir-Rev. Patri Ġ. Delia Rettur tal-Kulleġġ San Lwiġi, l-Onor. Professur E. H. Ferro, il-Kav. Dr. Ġ. Galea, President tal-Għaqda u s-sinjura, l-Onor Professur R. V. Galea, Rettur ta' l-Università, is-Sinjura Ineż Galea, il-Monsinjur Dun Pawl Galea, ex-Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof, is-Sur W. Gulia, tal-"Għaqda tal-Malti Università", l-Onor. Imħallef W. Harding, is-Sur L. Hurst, Rationing Officer, is-Sur Jones, Officer for Coordination of Supplies, il-Professur J. A. Manche, Dr. D. Marguerat, is-Sur Rob. Mifsud Bonnici, is-Sur J. Mifsud, Land Valuation Officer, is-Sur S. Mizzi, Housing Officer, is-Sur E. G. Montanaro, Kummissarju għal Għawdex, is-Sur A. Muscat-Azzopardi, is-Sur J. Pace, Segretarju ta' l-Università, is-Sur Ġorġ Pisani, is-Sur George Ransley, Direttur tal-Habs, u s-sinjura, is-Sur A. Salomone, Aġent Direttur tad-Dipartiment ta' l-Ilma u Elettriċità, Dun Karm Sant, il-Perit H. Sant u s-sinjura, is-Sur L. Sammut Briffa, il-Professur Patri P. Tabone, l-Onor. C. Thake, Aġent Segretarju tal-Gvern u s-sinjura, is-Sur J. Vassallo, Aġent Direttur ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Karmenu Vassallo, is-Sur Kelinu Vella Haber, tax-"Xirka tal-Malti għat-Tfal", is-Sur G. Zarb Adami, il-Prof. Patri S. Zarb, O.P., u bosta oħrajn li nsejna isimhom.*

*L-Arċisqof Mons. Gonzi bagħat igħid li kien jisgħobbih li minħabba l-festa ta' San Duminku ma satax jiġi, għalkemm xtaq ħafna li ma jonqosx għaċ-ċerimonja.*

*Il-President tal-Għaqda, Dr. Ġ. Galea, fetaħ iċ-ċerimonja b'taħdita milqugħa bosta drabi b'ċapċip kbir; hu fisser xinhu l-"Premju Muscat-Azzopardi" għaliex kien imwaqqaf u r-raġunijiet li għalihom kien magħżul Dun Karm biex jirċevih l-ewwel darba.*

*Wara l-President tkellem is-Sur Ġino Muscat-Azzopardi li għarrafna x'kien dak li qanqlu li jwaqqaf dan il-premju; imbagħad qam jitkellem il-Gvernatur u qal erba' kelmiet li laqtu lil kulħadd għall-għerf u għall-fejda tagħhom. L-Eċċellenza Tiegħu wera l-għoġba li ħass talli ħa sehem f'dik l-okkażjoni hekk sabiħa u ta' siwi għall-ħajja kulturali tal-pajjiż, faħħar il-ħidma tal-"Għaqda", qal li t-tħabrik għall-ġid għall-ilsien tal-poplu hu ta' min ifaħħru, wera l-ħtieġa tat-tagħlim ta' l-ilsien tal-poplu u wiegħed il-għajnuna tiegħu fil-qasam edukativ u kulturali. Imba-*



Il-Gvernatur qiegħed jitkellem. Jidhru wkoll, il-Kav. Dr. Ġ. Galea, President tal-"Għaqda" (fin-nofs) u s-Sur Ċino Muscat-Azzopardi, il-Fundatur tal-"Premju Ċużè Muscat-Azzopardi" (fil-lemin).

*għad, fost il-ferħ u ċ-ċapċip ta' kulħadd, il-Gvernatur, megħjun mill-President tal-"Għaqda", hemeż fuq sider Dun Karm il-medalja tad-deheb u tah id-diploma tal-ġieħ.*



**Gvernatur jehmeż il-Midalja tad-Deheb fuq sider Dun Karm.**

*Dun Karm wieġeb b'erba' kelmiet ta' ħajr u wera kemm kien qiegħed iħoss għal dik il-wirja ta' ġieħ li saritlu; warajh tkellem il-Professur Aquilina li wera ċar u bil-għaqal xinhu s-siwi ta' premju kulturali, faħħar il-fehma tal-fundatur ta' dan il-premju u wera x-xewqa li għonja oħra jitħajru jimxu fuq l-eżempju tas-Sur Gino Muscat-Azzopardi u jinqdew bil-ġid li Alla tahom ħalli jmexxu 'l quddiem il-kultura nazzjonali.*

*Għalaq iċ-ċerimonja l-Professur Galea, ir-Rettur ta' l-Università li f'erba' kelmiet tassew f'lokhom iżża ħajr lill-Gvernatur talli għoġbu jonura l-okkażjoni bil-miġja tiegħu, u semma kif it-tqanqila għall-Malti li hawn f'din il-Gżira tixbah wisq lill-oħra li hemm f'Wales, fl-Ingilterra: it-tnejn iridu jmexxu 'l quddiem l-ilsien tagħhom bla ma jfixklu lill-ilsien ta' l-Imperu.*

*Id-diskorsi kollha, barra dak tal-Gvernatur u l-ieħor tar-Rettur, saru bil-Malti u aħna sa nġibuhom hawn ħalli jibqgħu bħala tifkira u bħala xhieda ta' kemm mexa 'l quddiem l-ilsien tagħna f'dawn l-aħħar snin.*

*Waqt dik iċ-ċerimonja għaddielna ħsieb minn moħħna: għedna, mur qib lis-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi, lis-Sur Annibale Preca, lill-Professur Ġan Anton Vassallo u oħrajn bħalhom jaraw din il-festa f'qieh il-Malti ssir hawn fl-Università, fejn dari wieħed kien jistħi jistqarr li jaqra jew jikteb bil-Malti. Ħsibna li l-għadam ta' dawk il-qalbiena mexxejja tagħna tqanqal f'qabarhom u rwieħhom tfarrġu mhux ftit għal din ix-xhieda tarrebħ tal-Malti.*

## ID-DISKORS TA' Dr. Ġ. GALEA

Eċċellenza, Onorevoli Sinjuri, Sinjuri,

Għandi l-pjaċir u nħossni mkabbar li niftaħ din iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-"Premju Ġużè Muscat-Azzopardi". Dan il-premju kien imwaqqaf mill-magħruf kittieb u drammatist, is-Sur Ġino Muscat-Azzopardi li l-lum qiegħed hawn fostna. Is-Sur Ġino waqqaf dan il-premju b'tifkira ta' missieru, il-Kavalier Ġużè Muscat-Azzopardi, li fi żmienu kien minn ta' quddiem fost il-mexxejja tal-Malti; ix-xbieha ta' Ġużè Muscat-Azzopardi dejjem swiet biex tħeġġeġ f'kull tqanqila għall-ġid tal-Malti; huwa kiteb xogħlijiet li għadhom jinqraw b'dehwa kbira minn eluf ta' Maltin; ħafna mill-kitba ta' Muscat-Azzopardi nqalbu f'ilsna barranin u ngħoġbu kull fejn inqraw.

Dan il-"Premju Muscat-Azzopardi" huwa l-uniku premju kulturali li għandna f'pajjiżna u nistgħu ngħodduh bħala l-"Premju Noble" ta' Malta; huwa miftuħ għal kulħadd bla distinzjoni ta' klassi jew ta' razza u jingħata biss għall-merti ta' dak li jkun.

Il-lum li qegħdin ingħixu fis-seklu atomiku wieħed jieħu gost bi premijiet bħal dan li jinkoraġġixxu l-letteratura, ikattru l-kultura u jqanqlu s-sentimenti umanitarji tal-bniedem, għax sakemm il-bniedem jibqa' jgħożż dawn is-sentimenti għoljin u sbieħ, hu jibqa' ħieles u ma jinbalax fil-materjaliżmu tal-ħajja.

Il-"Premju Muscat-Azzopardi" jingħata kull sena, egħluq il-mewt ta' Ġużè Muscat-Azzopardi, u għalkemm mhux premju Governativ, nistgħu ngħodduh bħala semi-uffiċjali għax fil-Kumitat li jieħu ħsieb il-fondazzjoni tal-premju hemm ir-Rettur ta' l-Università, bħala Kap ta' l-ogħla ċentru kulturali tal-Gżira, u l-President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", li hija l-aqwa korp akkademiku tal-pajjiż.

Bis-sensja ta' l-Onorevoli Rettur ta' l-Università, il-Ġurija tal-Premju ltaqgħet f'din l-Università nhar id-19 ta' Ġunju li



Il-President tal-"Għaqda", il-Kav. Dr. Ċużè Galea, qiegħed jagħmel id-diskors tiegħu. Faċ-ċata, mix-xellug għal-lemin, jidhru bil-qiegħda, ir-Rettur ta' l-Unversità, Onor. Prof. R. V. Galea, il-Logutenent-Gvernatur, Sir D.C. Campbell, il-Gvernatur, Mr. F.C.R. Douglas u l-Isqof Galea.

għadda u għażlet unanimament lil Mons. Dun Karm Psaila għal dan l-ewwel premju. Il-fatt li l-ebda isem ieħor ma kien imressaq għal dan l-unur, juri biċ-ċar kif inhu miżmum Dun Karm, il-poeta nazzjonali tagħna. Bix-xogħlijiet tiegħu letterarji, Dun Karm mhux biss kiseb isem li ma jmut qatt, iżda ħalla wkoll lil Malta patrimonju artistiku li jagħmlilha ġieh u jgħolliha għal-livell ta' pajjiżi oħra ċivilizzati.

Is-sena l-oħra din l-Università irrikonoxxiet il-merti ta' Mons. Psaila, meta ħatritu wieħed minn uliedha u tagħtu l-ewwel grad ta' D.LIT. li qatt tat; għalhekk kien jixraq ukoll li f'din l-istess Università, Dun Karm jirċievi dan l-ewwel "Premju Muscat-Azzopardi."

Hawn irrid niżżi ħajr lill-Eċċellenza Tiegħek talli għoġbok tilqa' t-talba tagħna biex tippreżenta fl-ewwel darba dan il-premju: nixtieq niżżi ħajr ukoll lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof Galea, lis-Sinjurija Tiegħu Sir David Campbell, Logutenent-Gvernatur, lill-Onorevoli Sinjuri, u lis-Sinjuri kollha li ġew il-lum jonorawna għal din iċ-ċerimonja, li bil-miġja tagħhom ħadet aktar xejra ta' kburija. Għandi wkoll l-inkarigu mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof biex ingħarraf li b'sogħba kbira ma jistax jiġi billi kien ta l-kelma li jmur għal funzjoni reliġjuża, għalkemm xtaq ħafna li jkun fostna.

Fl-aħħar irrid niżżi ħajr bil-qalb kollha lill-Onorevoli Rettur ta' l-Università talli ta l-permess biex din iċ-ċerimonja ssir hawn, u nittama li tibqa' ssir hawn kull sena għax jixraq ħafna li l-aqwa premju kulturali jkun mogħti fl-aqwa ċentru kulturali tal-pajjiż.

## IL-KELMA TAL-FUNDATUR

Eċċellenza,
Sinjuri,

Billi l-ħaġa ewlenija u waħdanija ta' din il-laqgħa tagħna huwa l-Ilsien Malti, bil-permess ta' l-Eċċellenza Tiegħu jiena wkoll sejjer nitkellem b'dan l-ilsien li huwa l-ilsien nazzjonali tagħna.

Meta ħsibt biex inwaqqaf il-"Premju Ġużè Muscat-Azzopardi", f'rasi jiena kelli żewġ xewqiet.

L-ewwel waħda kienet ix-xewqa naturali li jħoss ġewwa fih kull tifel lejn missieru, jew aħjar il-ħrara li wieħed ikollu sabiex ma jħallix isem missieru jintesa u jmut, iżda jżommu ħaj mhux biss fit-tifkiriet ta' dawk li kienu jafuh meta kien għadu fostna.

iżda wkoll fl-imħuħ ta' dawk li saru jafuh, wara mewtu, mill-kitba tiegħu.

It-tieni xewqa hija dik li nara l-ilsien Malti, li missieri kien hekk ħabb, jissokta miexi 'l quddiem f'dik it-triq li huwa, ma' oħrajn qablu, flimkien miegħu u wara l-mewt tiegħu, wittewlu, mhux bi ftit taħbit, sabiex igħaddi minnha.

B'dan il-għan quddiemi jiena, inkoraġġit minn ħuti, waqqaft il-"Premju Ġużè Muscat-Azzopardi" u rrid nittama li x-xewqa tiegħi ma tkunx waħda bla temma.

Għidt li missieri ħabb l-Ilsien Malti u dana jistgħu jixhduh mhux biss iż-żewġ ħuti li hawn f'din is-sala u li jiftakruh jisħar fuq l-iskrivanija tiegħu għat-tixrid tal-Malti; ma jixhduhx biss il-ħbieb li kellu u li qiegħed nara quddiemi li jiftakruh dejjem minn ta' l-ewwelnett f'kull taqbida favur il-Malti, iżda jixhduh ukoll ix-xogħlijiet li huwa ħalla warajh.

L-Ilsien Malti, bħal kull ilsien ieħor, huwa mqassam f'bosta friegħi u missieri ħadem fil-friegħi tiegħu kollha; qaleb għall-Malti xogħlijiet sagri u xogħlijiet profani, ħadem fil-fergħa tal-proża billi kiteb rumanzi sewwa fuq sfond sagru u sewwa fuq sfond storiku, ħadem fil-fergħa tal-poeżija, fil-fergħa tal-palku-xeniku, fil-fergħa ta' l-istorja, fil-fergħa tal-ġurnaliżmu... ħadem biex jara l-Ilsien ta' Art twelidu jikber, jissaħħaħ u miet b'rasu mistrieħa għax jaf li ħalla dan l-Ilsien mibni fuq sisien sodi u qawwi fil-mixja tiegħu.

Il-lum f'kull waħda minn dawn il-friegħi hemm mijiet ta' ħaddiema ġodda, mijiet ta' żgħażagħ li bil-pinna tagħhom qegħdin ifittxu li jġibu dejjem aktar 'il quddiem il-Letteratura Maltija. U dan ma jistax ma jimlinix bil-ferħ u bix-xewqa li nissokta nagħmel il-qalb lil din il-kotra ta' kittieba: il-"Premju Ġużè Muscat-Azzopardi" għandu jkun l-ambizzjoni ta' kull wieħed minnhom.

Missieri miet bħal-lum dsatax-il sena sewwa. Li kien għadu ħaj, kieku kien għadu fostna u kont nistaqsih: Pà, li kellek tagħti midalja tad-deheb lil min ħadem l-iżjed għall-iżvilupp tal-Malti li inti hekk ħabbejt, lil min kont tagħtiha? Jiena żgur li huwa kien iweġibni: Lil Dun Karm Psaila!

# JITKELLEM DUN KARM



Monsinjur Dun Karm Psaila, D.Litt., l-ewwel wieħed li ħa l-"Premju Cużè Muscat-Azzopardi."

Eċċellenza,
Onor. Rettur ta' l-Università,
Membri tal-Gurija,
Professuri u Ħbieb,

Għalkemm id-deheb huwa metall prezzjuż u sabiħ, intom ilkoll tifhmu illi s-siwi taċ-Ċerimonja tal-lum mhux ġej mid-deheb tal-Medalja, iżda mill-ħemma u mill-għan li s-Sur Gino Muscat-Azzopardi kellu meta għamel din il-Fondazzjoni, jiġifieri li medalja tad-deheb tingħata kull sena bħala premju lil min fil-ħidma għaqlija u artistika tal-Lsien u tal-Letteratura Maltija, ikun fil-ġudizzju tal-Gurija, ingħażel u għola aktar minn l-oħrajn kollha.

Il-lsien, dana jafu kulħadd, huwa l-ewwel karatteristika tan-nazzjonalità, dik illi tagħżel nazzjon minn oħra, poplu minn ieħor; u l-Letteratura, li jien inħobb insejħilha l-awtobijografija ta' nazzjon, hija l-istorja ta' nazzjon, mhux kif jaħsibha u jiktibha bniedem wieħed, iżda storja miktuba paġna paġna minn mijiet ta' kittieba ta' sentimenti diversi, ta' kull naħa tal-pajjiż u f'kull perijodu ta' żmien li jkun għadda minn fuqha. Aqra, eżamina, ifhem il-Letteratura ta' poplu, u inti tkun tista' tagħraf mhux biss il-ġrajja li dak il-poplu jkun għadda minnhom, iżda wkoll il-moħħ, il-qalb, il-karattru ta' dak il-poplu.

Għalhekk, kif inħoss jiena, iċ-Ċerimonja tal-lum għandha siwi kbir, għaliex hija trid tinkoraġġixxi, tħeġġeġ u ssaħħaħ dawn is-sentimenti u dawn il-ħidmiet ta' patrjottiżmu u ta' nazzjonalità Maltija, mhux biss fiż-żgħażagħ qalbiena ta' l-Alma Mater tagħna, iżda fil-ġens Malti kollu, bit-tnissil ta' mħabba safja lejn il-Lsien u l-Letteratura ta' din il-Gżira Ħanina, ċkejkna fid-daqs, iżda kbira fl-Istorja tagħha.

U għalhekk ukoll jiena, li ġejt magħżul biex inkun l-ewwel wieħed li nieħu din il-Medalja Premju, inħoss li għandi b'qalbi kollha niżżi ħajr lill-Eċċellenza Tiegħek, li b'dehen li jagħraf u

b'qalb li tħoss aċċettajt li tippreżenta din il-Medalja; lill-Membri tal-Ġurija li fissru opinjoni hekk kbira tiegħi, u lil dawk kollha preżenti f'din is-Sala talli wrew interess hekk kbir u qalbieni f'din iċ-ċerimonja.

* *Billi d-diskors tal-Prof. Aquilina kien għadu ma waslilniex meta bdejna nistampaw dan in-Numru ta' "Il-Malti", nittamaw li nġibuh fin-numru li ġej.*